Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15192/2/23
REV 2

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0379(COD)**

CODEC 2079
EF 344
ECOFIN 1147

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda ċerti Direttivi fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 50, 53, 62 u 114 TFUE.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2022[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022[3]

4. Fid-9 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

[1] 14377/21 + ADD 1 REV1 - ADD 2.
[2] ĠU C 307, 12.8.2022, p. 3.
[3] ĠU C 290, 29.7.2022, p. 58.
[4] 15022/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE CONS 43/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum għal din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.